MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 222/2014

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**(Spettur Roderick Zammit)**

**Vs**

**CARMEL VELLA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Carmel Vella** ta' 55 sena, iben Calcedonio u Nazzarena nee Pace, mwieled Tarxien fit-30 ta' Lulju 1958, detentur tal-karta ta' identita bin-numru **510758M** u residenti ġewwa 3, Sqaq Bonito, Zejtun, gie akkuzat talli :

1. Fi Frar 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, ġewwa diversi nħawi fil-gzejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'rizoluzzjoni waħda, bħala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, ircieva jew accetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel – [Art.115(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta];

2. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skond il-liġi – [Art.112 Kap tal-Ligijiet ta` Malta];

3. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess perjodu, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu – [Art.127 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta];

4. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess perjodu b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qliegħ

għal-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) għad dannu tal-korporazzjoni Enemalta – [Art.308 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta];

5. Nakkuzawh ukoll talli fl-istess perjodu bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qliegħ ieħor b'qerq għal-valur li jaqbez elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) għad dannu tal-korporazzjoni Enemalta – [Art.309 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta];

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipporcedi sabiex minnufih tagħmel ordni temporanja ta' iffrizar tal-assi tal-imsemmi Carmel Vella;

F'kaz ta' ħtija il-Qorti hija mitluba, li wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, u tkun għal kollox konvinta li l-propjeta inkwistjoni tkun inkisbet minn attivita kriminali, din il-propjeta tiġi konfiskata.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-5 ta` Marzu u ta` llum 13 ta` Marzu 2014;

Semghet lill-ufficjali prosekuturi bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat l-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex tiddikjarah hati taghhom u taghti s-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Carmel Vella, impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta, kien jahdem fis-sezzjoni tad-dawl ta` barra (*street lighting*). Qabel ma gie trasferit madwar sena u ftit xhur ilu, huwa kien jahdem fis-sezzjoni tal-*meter fitters*. Xi zmien ilu l-imputat talab u akkwista minghand impjegat iehor, tnejn jew tlett *meters* biex ikun jista jwahhalhom ghand nies li kienu talbuh *meters* li ma tantx jahlu. Apparti dan, Carmel Vella kien anke ressaq xi nies ghall-istess skop ghand certu Richard Gauci. Identifika lil Richard Gauci bhala l-persuna li kien jirranga sabiex dawn il-*meters* partikolari jigu mbaghbsa. Ma kienx jaf pero`, jekk kienx ikun Richard Gauci innifsu li kien ibaghbas dawn il-*meters*. Gieli wahhal *meters* minn dawn l-imputat stess. In-nies, ghand min kienu jitwahhlu dawn il-*meters* imbaghbsa, kienu jhallsu lil Carmel Vella. Wara li hu jzomm sehemu, il-kumplament kien jghaddieh lil Richard Gauci. L-imputat jghid li huwa jikkalkola li hu kien involut f'din il-kwistjoni kollha b'madwar ghaxar *meters* b'kollox. Jikkalkola li b'kollox dahhal fil-but is-somma ta` tlett elef Euro (€3000).

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena l-Qorti qieset, *inter alia*, is-segwenti fatturi :

1. L-ammissjoni bikrija ta` Carmel Vella. Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena. Din il-Qorti pero` qed tiddikjara minnufih li fil-kalibrazzjoni tal-piena sejra tati lill-hati l-beneficcju li ggib maghha ammissjoni bikrija. Wiehed ma jridx jinsa pero` l-pieni kkontemplati mill-ligi ghar-reati addebitati u li ghalihom ammetta Carmel Vella (apparti konsiderazzjonijiet ta` reat kontinwat – artikolu 18 Kap 9).

   ***Artikolu 112 – prigunerija minn tlett xhur sa sena;**

   ***Artikolu 115(c) – prigunerija minn sena sa tmien snin;**

   ***Artikolu 127 – prigunerija minn sentejn sa sitt snin;**

   ***Artikolu 308 – prigunerija minn seba xhur sa sentejn**;

2. Il-fedina penali ta` Carmel Vella li hija wahda nettissima;
3. Il-fatt li minn qabel Awwissu tas-sena 2012, u dana kif jirrizulta minn certifikat formanti parti mill-atti, l-imputat kien taht l-attenzjoni tal-konsulent psikjatriku David Mamo;
4. Is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni illi l-verzjoni li ta Carmel Vella kienet tidher wahda genwina u kienet wahda li taqbel ma' l-investigazzjonijiet li huma kienu qed jaghmlu;
5. Il-koperazzjoni li Carmel Vella ta waqt l-investigazzjonijiet u waqt l-interrogatorju tieghu;
6. It-talba tal-prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tqis il-parametri tas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-14 ta` Frar 2014 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Pantalleresco";
7. Is-sottomissjoni ta' l-abili difensur illi din il-Qorti ma hix marbuta ma sentenzi ta` Qrati ohra, u li jkun importanti li din il-Qorti tindirizza l-parametri ta` dak li irrizulta f'dawn l-atti u ma tkunx taht l-influwenza tal-agha li hemm bhalissa barra l-erba hitan tal-Qorti;
8. Tkompli tissottometti d-difiza illi la s-sentenza sospiza u wisq anqas l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta ma huma eskluzi milli jigu applikati f'dan il-kaz;
9. Id-difiza tissottometti wkoll illi l-imputat ghaddej minn emozzjonijiet enormi li qed joholqulu dwejjaq kbar u li minhabba dan il-kaz, is-sitwazzjoni tieghu iktar

iggravat ruhha. Li anki fl-awla fis-seduta tal-5 ta` Marzu 2014, l-imputat deher emozzjonat hafna u *overwhelmed* b'dak li huwa kien jinsab fih;

10. Id-difiza ghamlet accenn ukoll ghall-fatt li l-imputat odjern kien involut f'dan il-kaz b'madwar ghaxar *meters* biss, ammont relattivament tant zghir meta wiehed iqis l-ammont kbir ta` *meters* li l-investigaturi kienu u ghadhom qed jinvestigaw.
11. Il-fatt li volontarjament l-imputat iddepozita f'dawn l-atti s-somma ta` tlett elef Euro (€3000) li huwa kkalkola li akkwista bil-prattika hazina u illegali tieghu. Dan jawgura tajjeb u mill-perspettiva morali, dan bhala fatt ghandu jkun ta` sodisfazzjoni ghas-socjeta` in generali li ghandha tqis lill-imputat bhala persuna li mhux biss ammetta li ghamel hazin izda li sahansitra pogga taht l-awtorita` tal-Qorti tali flus bil-konsegwenza tal-konfiska.
12. Il-fatt li fil-kaz odjern japplika, a beneficcju tal-hati, l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta dwar konkors ta` reati u pieni.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Din il-Qorti hi tal-fehema li Qorti li tkun, meta tigi biex tikkalibra l-piena, ma ghandha qatt tiddissassoccja ruhha mill-element uman u mill-virtu` tal-hniena. U ghandha dejjem izzomm quddiem ghajnejha il-perspettiva vera u reali tal-kaz li jkollha quddiemha. Madankollu, Qorti hi wahda ta` Gustizzja Legali, u ghalhekk ma ghandha qatt tinsa li hija trid u tigi msejha sabiex taghmel il-gustizzja skond il-ligi.

Din il-Qorti, dejjem bir-rispett lejn is-sottomissjonijiet tal-parti li tkun, tirrileva li huwa zball minn naha ta` min qieghed jaghmel enfasi fuq in-numru ta` *meters* involuti f'kaz partikolari – f'dan il-kaz ghaxra. Ghalkemm fattur bhal dan jista jincidi fuq il-piena u Qorti tista tiehdu in konsiderazzjoni f'dik il-materja, jibqa fattur pero` sekondarju jekk mhux addirittura ta` ftit piz fil-qasam u fl-isfera aktar wieghsa u miftuha tal-korruzzjoni. Il-legislatur ried u jrid jiggieled il-prattika tal-korruzzjoni (u ta` kull reat iehor li jsir bis-sahha ta` l-istess atti); u dana indipendentement minn kemm *meters* (ghax f'dan il-kaz si tratta ta` *meters* tad-dawl) jigu effettivament imbaghbsa jew uzati bhala imbaghbsa minn persuna. **<u>Dana ghaliex il-prattika tal-korruzzjoni, minn impjegat pubbliku</u>** (bhal ma hu f'dan il-kaz) **<u>timmina u tkisser dik il-fiducja li c-cittadin ghandu jkollu fl-amministrazzjoni pubblika</u>** (enfasi tal-Qorti). Ghandek ghalhekk ic-cittadin, ic-cittadin ezemplari u rett, li jhossu tradut mis-sistema meta fis-sistema tinbet persuna jew jinbtu persuni impjegati pubblici li, taht jew bis-sahha tal-

kariga li jkollhom, jakkwistaw flus jew vantaggi ohra, u dana bi ksur tal-fiducja mpoggija fihom bhala impjegati fl-amministrazzjoni pubblika. **Bir-rispett lejn il-fehemiet diversi, din hija konsiderazzjoni pezanti hafna, hija l-konsiderazzjoni principali f'dan il-kaz, u hekk ghandha tkun f'kull kaz ta` korruzzjoni.**.

**Din il-Qorti zzid li l-awtoritajiet kollha koncernati huma lkoll fid-dmir li jiggieldu l-korruzzjoni f'kull forma u f'kull livell taghha. Hekk biss tista s-socjeta` tigi mharsa minn dan il-fenomenu li, flimkien ma illegalitajiet ohra, qed jaghmel hafna hsara lit-tessut socjali**.

**Ikkunsidrat**;

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti, kemm bix-xhieda tal-Ispettur tal-Pulizija, kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati kommessi mill-imputat huma lkoll ta` natura serja. U fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` dawn ir-reati ikun jimmerita li jigi karcerat b'mod effettiv.

Il-Qorti hi fl-obbligu li taghmel gustizzja. Triq tipprotegi lis-socjeta` minn komportament li ma hux tollerabbli f'socjeta` civili. Triq tibghat messagg car li min, fost reati ohra, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku jinvolvi ruhu fi prattici ta` korruzzjoni, ezazzjoni kontra l-ligi, jaghmel uzu hazin minn hwejjeg mobbli fdati lilu minhabba l-impjieg tieghu, u li b'mezzi kontra l-ligi jew bil-qerq jaghmel qliegh bi hsara ta` haddiehor, ghandu jifhem li zbalja serjament u jimmerita li jinghata piena li tkun tirrifletti dak kollu li jkun ghamel. Il-Qorti jidrilha li m'ghandiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti taghlaq bil-bran segwenti mehud mis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Ivan Muscat**" (Mag. Dr. Audrey Demicoli **20.02.2014**) :

" … **Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li huwa kien gwidat minn John**

**Farrugia li kien il-mastermind tal-operazzjoni kollha izda l-Qorti kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati, principalment ir-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. Fir-rigward ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-Professur Mamo in konnessjoni ma dan ir-reat u cioe' "*The punishment attached to an offence so dangerous, so easily perpetrated, so hard to be discovered ought to be such as to rigorously exclude the temptation to sacrifice duty to gain*". Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li intqal mill-kompjant Professur Mamo u jidrilha li fil-kaz odjern ghandha timponi piena karcerarja effettiva** ….."

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 10, 17, 18, 23A, 23B, 23C, 31, 112, 115, 119, 127, 308, 309, 310, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, **issib lill-imputat Carmel Vella hati ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sentejn prigunerija u tordna fil-konfront tieghu l-interdizzjoni generali perpetwa**.

Il-Qorti tordna, bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta` l-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta, tar-rikavat fis-somma ta` tlett elef Euro (€3000), liema somma giet iddepozitata f'dawn l-atti volontarjament mill-hati fl-udjenza ta` llum stess 13 ta` Marzu 2014, liema somma ta` flus tirrappresenta l-vantagg ekonomiku miksub b'mod dirett mill-kommissjoni tar-reati li taghhom instab hati Carmel Vella.

Il-Qorti tordna lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali, sabiex jassigura l-pubblikazzjoni skond l-Artikolu 10(7) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u dana ghal dak li jirrigwarda l-kundanna ghall-interdizzjoni generali perpetwa.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex, in vista tac-certifikat mahrug mill-Konsulent Psikjatriku David Mamo (formanti parti minn dawn l-atti), jaghti lill-hati Carmel Vella dik l-ghajnuna mehtiega f'kaz li huwa jitlob jew juri li ghandu bzonn attenzjoni psikjatrika.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-proceddiment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Kopja ghandha tintbaghat ukoll lir-Registratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------